MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1262/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JOSEPH OMAR CUMBO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Omar Cumbo ta' 37 sena mwieled il-Pieta' nhar-il 21 ta' Jannar 1970 bin Emanuel u Rose nee' Azzopardi residenti gewwa Block B Flat 9 Apartament Indipendenza, Triq Maria De Domenicis, Santa Lucia u detentur ta' Karta ta' l-Identita' Nru 50770 M fejn gie akkuzat:

1. Talli nhar l-4 ta' Ottubru 2007 fil-hinijiet bejn 9:20p.m. u 9:45p.m. wara l-loghba tal-Football Sliema VS Valletta gewwa l-Stadium Nazzjonali Ta' Qali u kif ukoll fil-wesgha ta' Qali b'diversi atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Attakka u jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' fuq il-persuni tas-Supretendent Carmelo Bartolo, PC 99 M Portelli, PC 1052 B Tonna, PC 82 C Dingli filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan ai termini ta' l-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-membri tal-korp tal-Pulizija imsemmija fl-ewwel akkuza inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' u dan ai termini tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Supretendent Carmelo Bartolo u dan kif iccertifika Dr Jonathan Joslyn MD tal-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded lill-istess ufficjali pubblici bi kliem u dan ai termini tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni u paci pubblika u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjali pubblici msemmija sabiex tingurja jew taghmlulhom hsara u dan ai termini tal-artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi

kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li il-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai termini tal-aritkolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai termini tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Talli fl-istess lol, data, hin u cirkostanzi xewwex gemgha ta' nies illi hekk imxewwxa jingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min nies jew aktar migburin bil-hsieb li jaghmlu reat u dan ai terminu tal-Artikolu 68 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi xewwex pubblikament persuni ohra sabiex jinholoq reat u dan ai terminu tal-Artikolu 69 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

11. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi pubblikament xewwex lill-persuni ohra sabiex jiksru l-ligi u dan ai terminu tal-artikolu 70 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

12. Talli fl-istess, data, hin u cirkostanzi uza kliem offensiv lejn membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija aktar 'l fuq fl-akkuaza u dan ai terminu tal-artikolu 7 tal-legislazzjoni sussisdjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta billi tinfliggi l-piena massima u tordna illi l-imsemmija imputat ma jattendix fi 'grounds ta' sports' ghall-perijodu massimu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 12)

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 68, 69, 70, 92, 95, 96, 221, 338(dd), 338(e), 338(ee), 339(d), 342 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 7 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah seba’ xhur prigunerija sospizi ghal erbgha snin filwaqt li tipprojbixxi l-attendenza tal-imputat minn kull ‘football ground’ f’Malta u Ghawdex ghal perijodu ta’ sentejn u tikkundannah ihallas multa ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500), liema multa ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur b’rati mensili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------